StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 1

**IT-TIELET SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem :** ________________________ **Klassi :** ___________________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 28 | 12 | 12 | 30 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# A. Silta għall-qari (18-il mark[a])

## L-għodda biex tirbaħ lill-*bully*



Jekk inti vittma tal-*bullying* ma tistax tibqa' passiv, taqla' fuq wiċċek u ma tagħmel xejn! Għalkemm forsi inti kwiet jew mistħi, xorta waħda hemm ħafna x'tista' tagħmel.

L-ewwelnett tippruvax tagħti lura jew tkun aggressiv mal-*bully*. Minflok, kun sod fi kliemek, ħares lejn il-*bully* f'għajnejh u għidlu biex jieqaf. Imbagħad itlaq minn fejn tkun.

Fl-iskola iftaħ qalbek ma' adult li taf li jista' jgħinek. Fil-brejk toqgħodx waħdek. Kun żgur li jkollok aktar minn ħabib wieħed fl-iskola ħalli jekk dan ma jiġix skola, inti ma tispiċċax waħdek.

Evita dawk il-postijiet fejn taf li hemm studenti aggressivi u oqgħod f'post fejn ikun hemm l-għalliema viċin. Fl-aħħar nett, dejjem uri li inti student kunfidenti. Imxi b'rasek mgħollija u bi spallejk dritti.

Meta inti jirnexxilek tuża dawn l-għodod kollha, ma tkunx qed tagħti ċans lill-*bully* biex jiddominak u jagħmillek ħajtek infern.

(addattament minn kitba ta' J. Azzopardi li dehret f'*dawlFranġiskan* ta' Ġunju/Lulju 2010)

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha:

i. Jekk int vittma ta' xi *bully*, (ibqa' aqla' fuq wiċċek, ibqa' passiv, ipprova agħmel xi ħaġa).
ii. Mal-*bully* tkunx (assertiv, aggressiv, ħanin).
iii. L-aħjar li titlaq minn fejn ikunu (l-*bullies*, l-għalliema, sħabek).

2. Mis-silta sib u ikteb il-kelma li jonqos: (6)

i. Tajjeb li fl-iskola titkellem ma' xi a__________.
ii. Fil-b__________ toqgħodx waħdek.
iii. Importanti li jkollok aktar minn ħ________ wieħed.

3. Veru jew Falz? (6)

i. Mur fejn ikun hemm l-istudenti aggressivi. __________
ii. Dejjem uri li inti kunfidenti. __________
iii. Imxi fuq dawn il-punti u lill-*bully* tirbaħlu. __________

## B. Lingwa (28 marka)

1. Biddel in-numri fi kliem mill-kaxxa, bħal fl-eżempju. (6)



i. Marija għandha (3) <u>tliet</u> ewro.
ii. Pawlu għandu (12) ______________ ewro.
iii. Sandra għandha (50) ______________ ewro.
iv. Paula għandha (26) _______________________ ewro.
v. Il-bank sellef (100) _____________ elf ewro.
vi. Jiswa (2) _________ ewro u (10) ____________ ċenteżmi.

| |
|---|
| tnax-il, **tliet,** żewġ, ħamsin, mitt, għaxar, sitta u għoxrin |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Qiegħed dan il-kliem li ġej fil-kaxxa t-tajba bħal fl-eżempju: (6)



maħbuba maħbub maħbubin

minxura minxurin minxur

meħjutin meħjut meħjuta

| **Maskil (raġel)** | **Femminil (mara)** | **Plural (ħafna)** |
|---|---|---|
| maħbub | maħbuba | maħbubin |
| | | |
| | | |

3. Kompli dawn is-sentenzi billi tagħmel sing taħt il-kelma t-tajba bħal fl-eżempju: (8)

i. Is-surmast kellem (lil, lil-, lill-) istudenti.

ii. Sellift il-PSP (lil, lil-, lill-) oħti.

iii. Ħadt il-kotba lura (lil, lil-, lill-) librara.

iv. Il-knisja qed tiġbor (għal, għal-, għall-) foqra.

v. (Għal, Għal-, Għall-) kull għadma hawn mitt kelb.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B bħal fl-eżempju:

| Kolonna A | | Kolonna B | |
|---|---|---|---|
| 1 | Mort ma' sħabi nara film. | | Il-Papa ma marx Għawdex. |
| 2 | Marija baqgħet tistudja. | | Qatt ma kont daqshekk ferħan. |
| 3 | Israq. | **1** | Ma mortx ma' sħabi nara film. |
| 4 | Dejjem kont daqshekk ferħan. | | La tisraqx. |
| 5 | Il-Papa mar Għawdex. | | Marija ma baqgħetx tistudja. |

## Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)

Imla l-vojt bil-kliem mill-kaxxa t'isfel ħalli tkompli dan l-avviż:

### FIERA KBIRA



Nhar il-___________ 3 ta' Lulju ser tkun ________________ fiera kbira mill-Każin tal-Banda San Ġiljan b'risq l-istess għaqda mużikali. Din il-___________ ser issir fis-___________ tal-każin. Fil-fiera ssibu tiġieġ, papri, dundjani, pjanti, affarijiet utli għad-dar, u bar komplut b'kollox. Il-fiera tibda fid-9 ta' filgħodu u tibqa' ___________ sad-9 ta' filgħaxija. Mela ___________ u ġibu lil ħbiebkom.

| miftuħa, ejjew, organizzata, fiera, Ħadd, sala |
|---|

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. Letteratura (12-il marka)

### i. Proża

**L-iskuter ta' Luqa**



It-toroq kienu baħħ, għax kien il-Ħadd. Ferħanin konna mexjin inkantaw u nirrejżjaw l-iskuters tagħna. Kulħadd ferħan b'tiegħu. Jien biss ma kellix. Marju kellu l-iskuter tiegħu li kien għamilhulu missieru. Sandro kien iddobba ta' ħuh. Ninu kien għamel wieħed hu. Luqa kien 'ordnalu' wieħed missieru.

L-iskuter li 'ordnalu' kien tal-fagu, injam kannella ċar. It-tajers kienu ġodda fjamanti u tal-lastku. Kellu ħorn idoqq daqqa li fir-raħal qatt ma kienet instemgħet bħalha. U kellu *steering* tan-nikil.

(addattament minn **Stejjer taċ-Ċarrut** – SEDQA)

Agħżel l-aħjar tweġiba billi tagħmel sing taħtha: (6)

(a) Għaliex it-tfal kienu ferħanin?

(i) It-tfal kienu ferħanin għaliex kienu se jmorru bl-iskuters.
(ii) It-tfal kienu ferħanin għaliex kien il-Ħadd.

(b) Kemm mit-tfal kellhom skuter?

(i) Erbgħa mit-tfal kellhom skuter.
(ii) Ħamsa mit-tfal kellhom skuter.

(ċ) Minn xiex kien magħmul l-iskuter ta' Luqa?

(i) L-iskuter ta' Luqa kien kollu tan-nikil.
(ii) L-iskuter ta' Luqa kien tal-fagu u bl-*isteering* tan-nikil.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## ii. Poeżija



Kienet lejla ta' difa li jgħaxxaq,
Qamar jiddi mill-isbaħ smewwiet;
Kollox sieket mal-plajja, fuq wiċċi
Fewġa ħelwa mill-oħla fewġiet.
……
Ġera ħsiebi lejn hena tfuliti,
Iż-żmien ħelu tal-ħajja bla ħsieb,
Meta kollox hu safi mill-ħtija,
Meta kollox ma' qalbna jinġieb.
……

(2 strofi mill-poeżija **Waħdi** ta' Dun Karm)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha: (6)

(a) Min qiegħed jitkellem fil-poeżija?
(il-poeta Dun Karm, xi ħadd ieħor, in-nies)

(b) Il-kliem fl-ewwel strofa tal-poeżija juri li l-ambjent li kien fih il-poeta kien (meraviljuż, ikrah, mibni).

(ċ) X'beda jaħseb il-poeta?
(dwar l-iskola, dwar tfulitu, dwar ommu)

(d) Kif jiddeskrivi lil tfulitu l-poeta?
(żmien ikrah mimli inkwiet, żmien ħelu li tar, żmien ħelu mingħajr ħsibijiet ta' xejn)

(e) X'jissejħu l-istrofi ta' din il-poeżija?
(kwartini, terzini, sestini)

(f) Fl-ewwel strofa, liema huma l-kelmiet li jirrimaw?
(jgħaxxaq / smewwiet, jgħaxxaq / wiċċi, smewwiet / fewġiet)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# E. Kitba ta' sentenzi / paragrafi (30 marki)

1. Qiegħed in-numri 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli t-tagħrif dwar ir-rebbiegħa. (10)

| | |
|---|---|
| Anke l-fawna tieħu r-ruħ. L-għasafar ipassu lejn it-tramuntana u l-insetti jqumu mir-raqda tax-xitwa. | |
| Ir-rebbiegħa tibda fil-21 ta' Marzu u tispiċċa fl-20 ta' Ġunju. F'dan l-istaġun in-natura tkun fl-aqwa tagħha. | **1** |
| Kif rajna, ir-rebbiegħa hu żmien tal-għaġeb. Jalla kull staġun ikollu mir-rebbiegħa! | |
| Is-siġar itellgħu l-weraq ġdid. Wara jiftħu ħafna fjuri kkuluriti biex isiru frott fis-sajf. Kemm jidhru sbieħ! | |
| L-aktar insetti bieżla jkunu n-naħal u l-friefet. Tal-ewwel jiġbru n-*nectar* ħalli jagħmlu l-għasel u tat-tieni jkunu fis-sakra jiżfnu minn fuq fjura għall-oħra! | |
| Anke l-għoljiet jidhru sbieħ, hekk kollha mimlija ħaxix. L-għelieqi jkunu ħomor bis-silla jew sofor bl-Ingliża. | |

**U**

2. Ikteb madwar **150 kelma** dwar **wieħed** minn dawn fuq karta separata. Il-kliem fil-parentesi jista' jgħinek: (20)

i. **Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tkun filmstar magħruf/a.** (kulħadd ikun jaf bik; jammirawk u jħobbuk; jitolbuk l-*autograph*; ikollok il-*fan club*; tkun sinjur; ikollok dar f'diversi nħawi; tidher fil-gazzetti u fil-*magazines*; imma ma jkollokx privatezza; idejquk il-paparazzi)

ii. **L-isport.** (l-isport u s-saħħa; l-isport fl-iskola; l-isport favorit tiegħi; tattendi f'xi klabb tal-isport?; l-importanti li tieħu sehem u mhux li tirbaħ; l-isport fuq it-televixin)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers